QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

(Sede Kostituzzjonali)

ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

Rikors Kostituzzjonali Nru.: 172/20 MH

Illum, 1 ta’ Marzu 2023

Jonah Caruana (K.I. 338048M), Andrew Caruana (K.I. 788551M), Carmen Sammut (K.I. 517346M), Angelo Caruana (K.I. 576253M), Adelaide Caruana (passaport numru 1092392) u Ċettina Caruana (K.I.471451M) u stante l-mewt ta’ Jonah Caruana b’digriet tal-Qorti datat 19 t’Ottubru 2022 l-atti ġew trasfużi fuq Lorna Caruana (K.I. 356874M), Russell Caruana (K.I. 318776M) u għal kull interess li jista’ jkollha Liberata sive Betty Caruana (K.I. 796945M)

vs

L-Avukat tal-Istat u Rosina Cassar (K.I. 606028M)

Il-Qorti:

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Jonah Caruana et tas-27 t’Awwissu 2020** permezz ta’ liema ġie premess u mitlub -

Jiddikjaraw u jesponu bir-rispett:

Illi 1-attrici Cettina Caruana hija 1-armla u 1-werrieta ta' Salvatore Caruana li kien hu latturi 1-ohra kollha.

Illi originarjament il-fond mertu ta' din il-kawza kien jifforma parti minn dar u gnien kbir, li kienu igibu in-numru 59, Triq San Gorg Luqa, liema dar bi gnien kienu inxtaraw minn Beniamino Caruana, li jigi z-ziju ta' missier 1-atturi, permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Lulju 1926 fl-atti tan-nutar dottor Ettore Francesco Vassallo (vide kuntratt ***dokument Cl****).*

*Illi wara li miet Beniamino Caruana fis-6 ta' Jannar 1949, din il-propjeta' inqasmet f'hames bicciet (68, 69,70, 70A u 71), u b'kuntratt ta' divizjoni tal-10 ta' Meju 1952 fl-atti tan-nutar dottor John Tabone Adami (****dokument C2****), din il-propjeta' maqsuma giet assenjata lill-hames ahwa Giuseppe, Salvatore, Angelo, Carmelo, u Andrea kollha Caruana. Missier ir-rikorrenti messu 1-fond numru 71.*

Illi Giuseppe, missier ir-rikorrenti ahwa Caruana, bena 1-parti assenjata lilu, u 1-fond mibni illum huwa 1-fond numru 22 Triq San Gorg, Luqa. Huwa kkonceta dan il-fond b'titolu ta' kera fit-2 t' Awwissu 1956 lir-ragel tal-intimata, Giuseppi Cassar (vide l-ewwel ricevuta ***dokument C3*** *u ricevuta tal-1970* ***dokument C3A****)*

*Giuseppe Caruana miet fit-18 ta' Settembru 1987 u hallha lill-atturi bhala werrieta tieghu - (****ricerki dokumenti C4, C5 u C6****, testementi* ***dokumenti C7 u C8, u*** *ddenunzja* ***dokument C9****).*

Illi 1-inkwilin Giuseppe Cassar miet u 1-kirja waqghet fuq 1-armla tieghu Rosina Cassar, qed thallas kera minima ta' mitejn u sitt Ewro u hamsin centezmu (€206.50) fis-sena.

U billi 1-kera hija fissa bil-ligi u ma tistax tinbidel, minkeja li 1-prezzijiet fis-suq dejjem gholew u Ilum il-gurnata tezisti diskrepanza mhux zghira bejn il-kera annwali tal-fond u r-redditu li 1-istess fond kien igib f'suq hieles, tant li kif jidher mir-rapport peritali hawn anness u esebit bhala ***dokument 'C 10****, illum il-gurnata 1-istess fond ghandu valur ta*[l] *mitejn u tmenin elf Euro (€280,000), li allur jgib valur lokatizju ta' €5,600 fis-sena.*

U billi ghalkemm aktar recenti dahlet fis-sehh ligi gdida (Att X tas-sena 2009) sabiex ittaffi d-diskriminazzjoni u l-ingustizzji li l-ligi specjali tal-kera kienet tohloq versu s-sidien ta' proprjeta, din l-istess ligi bl-ebda mod ma tghin lir-rikorrent peress li ma taffettwax il-kera tal-fond

Illi inoltre bis-sahha tal-istess ligi, bin l-intimata jista' jkollu il-jedd li jiret il-kirja.

Illi ghalhekk effettivament bl-istat li hija l-ligi, ir-rikorrent ma ghandux speranza reali li qatt jikseb jew il-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond tul hajtu.

Illi la r-rikorrent u lanqas l-awturi tad-dritt tieghu qatt ma kienu taw il-kunsens hieles taghhom li l-fond jinkera kif fuq premess, izda gew sfurzati jaghmlu hekk minhabba l-ligi vigenti.

Illi bil-ligi prezenti r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda dritt jirrifiutaw li jgeddu din il-kirja.

Illi b'dan il-mod ir-rikorrenti gew u qed jigu mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta taghhom minghajr ma qed jinghataw kumpens xieraq ghat-tehid tal-pussess tal-istess fond, u dana peress li l-kera li tithallas bl-ebda mod ma hija qrib il-valur lokatizju reali tal-istess fond.

Illi l-privazzjoni tal-proprjeta tar-rikorrent hija lezjoni tad-dritt ta' proprjeta kif protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

Illi din il-privazzjoni hija ferm izjed serja billi hemm diskriminazzjoni naxxenti mill-fatt biss li sidien ohra li ma krewx il-proprjeta taghhom qabel is-sena 1995 ghandhom id-dritt li jirrifjutaw li jgeddu l-kuntratt lokatizju meta z-zmien pattwit tal-kirja jigi fit-tmiem tieghu, u jistghu anke jissoggettaw il-kunsens taghhom ghal kondizzjoni li l-kirja tizdied.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jhossu li fir-rigward taghhom qed jigi miksur l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni

Ewropea u 1-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u dana billi huma b'mod diskriminatorju qed jigu pprivati, minghajr ma jinghataw kumpens gust, ghat-telf mit-tgawdija tal-proprjeta taghhom, u cioe tal-fond fuq imsemmi 22 Triq San Gorg, Luqa.

Illi din il-materja diga' giet determinata fil-kawzi Amato Gauci vs Malta no. 47045/06 deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u Lindheim and Others vs Norway nru. 13221/08 u 2139/10 deciza fit-12 ta' Gunju 2012 u Zammit and Attard Cassar vs Malta applikazzjoni nru. 1046/12 deciza fit-30 ta' Lulju 2015;

Illi in oltre r-rikorrenti qed isofru minn nuqqas ta' 'fair balance' bejn I-interessi generali tal-komunita u I-bzonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deciz b'Beyeler vs Italy nru. 3320/96, J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom, nru. 44302/02, S 575, ECHR 2007-111) u ghalhekk hemm lezjoni tal-principju ta' proporzjonalita kif gie deciz fAlmeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal nru. 41696/07 S 27 u 44 tal-21 ta' Dicembru 2010.

Illi r-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza mad-dritt tas-sid ghall-uzu tal-proprjeta taghhom stante illi dawn I-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilin u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bhala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-uzu tal-proprjeta fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (vide Hutten Czapska vs Poland (GC), nru 35014/97, SS160-161, ECHR 2006-VIII, Bitto and Others vs Slovakia, nru. 30255/09, S 101, 28 ta' Jannar 2014.

Illi barra minn hekk b'mod diskriminatorju I-Artikolu 1531F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddistingwi fil-protezzjoni tal-kirja dawk il-persuni li kienu qed jokkupaw dar ta' abitazzjoni qabel l-1 ta' Gunju 2008 u dawk li kienu qed jokkupaw dar ta' abitazzjoni wara l-1 ta' Gunju 2008.

Illi din hija wkoll diskriminatorja sia ai termini tal-Artikolu 45 (recte) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre, il-ligi hija diskriminatorja bejn dak li hemm dispost fl-Artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u dak li

jiddisponi l-Att XXXI tal-1995 ghal kirjiet li dahlu fis-sehh wara l-1 ta' Gunju 2005.

Illi ghalhekk il-Ligi fuq imsemmija ghandha tigi dikjarata anti-kostituzzjonali u ghandha tigi emendata, kif del resto diga gie deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Amato Gauci vs Malta — deciza fil-15 ta' Settembru 2009 u Zammit and Attard Cassar vs Malta, deciza fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din I-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex:-

Tiddikjara u tiddecidi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossia 1-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimata Rosina Cassar , waqt li qed jigu vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u I-Ewvvel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (I-Ewwel Skeda tal-Kap. 39 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni,

Tordna li r-rikorrenti ghandhom jinghataw ir-rimedji kollha li din 1-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluz kumpens xieraq u adegwat ghall-privazzjoni li huma sofrew u ghadhom isofu sakemm tipperdura l-okkupazzjoni tal-fond da parti tal-intimata, u inkluz ukoll 1-izgumbrament tal-intimata mill-fond de quo, oltre rimedji ulterjuri li din 1-Onorabbli Qorti tqis xieraq fic-cirkostanzi.

BI-ispejez kontra 1-intimati.

Rat **ir-risposta tal-intimata Cassar tad-19 t'Ottubru 2020**[1] li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

Tesponi bir-rispett:

Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titolu taghhom fuq il-fond de quo skont il-Ligi;

Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti ghandhom jindikaw ezattament 1-artikoli tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-bini (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta) li huwa qeghdin jallegaw illi jiksrulhom id-drittijiet fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-propjeta' msemmija, u kif tali drittijiet qeghdin jigi lezi bl-applikazzjoni ta' tali artikolu;

1. *Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, 1-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta indikat mir-rikorrenti mhuwiex applikabbli stante illi 1-kirja de quo hija mharsa bil-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, li hija ligi protetta bl-Artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni, stante illi kienet gja ezistenti qabel it-3 ta' Marzu 1962;*

2. *Illi konsegwentement, 1-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistghax jigi invokat fil-kaz tal-kirja de quo stante li 1-kirja hija protetta taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[1] Fol 40 et seq

3. *Illi in oltre, in kwantu ghall-fatt li t-talba tar-rikorrenti hija bbazata fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 ta' Kostituzzjoni ta' Malta u 1-Ewwel Artikolu ta' 1-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta), jigi rilevat li ma hemm ebda ksur ta' dan 1-Artikolu stante illi 1-ligijiet li jirregolaw il-kirja de quo ma jipprevedux id-deprivazzjoni totali tal-propjeta', izda se mai, jirrigwardaw il-kontroll jew limitazzjoni tal-uzu ta' propjeta' ;*

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghal-premess, I-eccipjenti umilment tikkontendi illi fi proceduri ta' din ix-xorta d-dmir tal-Qorti huwa li tiddeciedi jekk il-ligi tiksirx il-jedd fundamentali tar-rikorrent u taghti rimedju. F'kull kaz, u dejjem minghajr pregudizzju, ir-rimedju tal-kumpens, jekk misthoqq, ikun bizzejjed u effettiv filwaqt li r-rimedju ulterjuri tal-izgumbrament ikun qed jikkreja zbilanc fil-mizien tad-drittijiet tal-individwu u s-socjeta in generali li l-Istat ikun fi dmir li jipprotegi. Ghalhekk fl-ghoti tar-rimedju kull kaz ghandu jigi konsidrat fuq il-fattispeci partikolari tieghu. F'dan il-kaz jezistu dawn ic-cirkostanzi partikolari: (i) il-fatt illi l-eccipjenti hija mara anzjana (armla) ta' tnejn u disghin (92) sena bi problemi ta' sahha, (ii) ilha tirrisjedi fil-fond de quo ghal dawn l-ahhar 64 sena, (iii) hi I-unika residenza taghha u (iv) tircievi penzjoni irrizorja ta' €594.48 kull erba' (4) gimghat;*

5. *Illi konsegwentement ladarba l-eccipjenti kull ma ghamlet hu li avelliet ruha minn ligi vigenti, m' ghandhiex legalment tirrispondi ghall-kostituzzjonalita' o meno tal-ligi kif applikata jew li tkun ordnata tizgombra I-fond de quo jew tigi b'mod iehor tigi ppregudikata finanzjarjament;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi fi kwalunkwe valutazzjoni tal-fond u ezami aggudikattiv tal-proporzjonalita' bejn I-interessi tal-kontendenti ghandu jittiehed kont tad-diversi miljoramenti li ghamlet l-eccipjenti fil-fond de quo tul is-snin kollha li ilha tirrisjedi go fih u kif ukoll tal-fatt illi r-rikorrenti u/jew I-antekawza taghhom qatt ma wettqu xi forma ta' manutenzjoni fl-istess fond;*

7. *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi

Rat **ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat tas-26 t'Ottubru 2020**[2] li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

Jesponi bir-rispett:

Illi in vena preliminarji r-rikorrenti jridu jġibu l-aħjar prova rigward it-titolu li għandom fil-fond mertu ta` din il-kawza u cioé ta` 22 Triq San Ġorġ, Luqa;

1. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġidizzju, r-rikorrenti għandhom jindikaw eżattament l-artikoli mill-Kap. 69, li skont huma jiksrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta` msemmija;*

2. *Illi in suċċint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li qiegħed jiġi allegat li bit-tħaddim tal-ligijiet tal-kera, partikolarment dawk ikkontemplati fil-Kap 69 tal-Ligijiet ta` Malta, qiegħdin jilledu d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà in kwistjoni kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Konvenzjoni Ewropea (l-ewwel Skeda tal-Kap. 319*

[2] Fol 42 et seq

tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u diskriminatorji taħt l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropea;

3. *Illi l-esponent jirrespinġi dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir tal-esponent ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;*

4. *Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għadhom jiġu miċħuda in toto peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qiegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

5. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett kontra l-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta tajjeb li jingħad li skont il-proviso tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja huwa ben magħruf li l-marġini ta` apprezzament mogħtija lill-Istat huma wiesa' ħafna. Illi għalhekk huwa aċċettat kemm mill-ġurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-liġijiet li jagħtu setgħa lill-Istat li jikkontrolla u jieħu proprjetà ta' individwi huma rikonoxxuti bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' żvilupp soċjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettiv. Tali diskrezzjoni tal-leġiżlatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli – li żgur mhux il-każ;*

6. *Illi inoltre dwar l-ilment tal-allegata sproporzjon fil-kera, jiġi rilevat li fil-każ tar-rikorrenti, l-ammont tal-kera li qiegħed jipperċepixxi mhijiex kera sproporzjonata tenut ukoll kont tal-fatt li f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn jeżisti interess ġenerali leġittimu, ma jistax isir paragun mal-valur lokatizzju tal-proprjetá fis-suq ħieles kif pretiż mir-rikorrenti u dan wisq*

inqas meta wiehed jipparaguna kera jew cens pagabbli fil-passat ma valuri kurrenti;

7. *Illi jsegwi għalhekk li fil-każ odjern din l-Onorabbli Qorti m`għandhiex tevalwa din il-liġi fil-kuntest prinċipalment ta` spekulazzjoni tal-proprjetá imma għandha tiskrutinja u tapplika l-ligi fil-qafas aktar wiesa' u ċioé mill-aspett tal-proprozjonalitá fid-dawl tar-realtá ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali;*

8. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas*-suespost, *dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar*-rikorrenti, *fatt li qed jiġi kontestat, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta` ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir*-rikorrenti;

9. *Illi huwa risaput li l-Qorti Ewropeja stess fil-ġurisprudenza tagħha fosthom fil-każ ta'* **Amato Gauci vs Malta** *rrikonixxiet li: "State control over levels of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable."* Il-Qorti Kostituzzjonali *fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* **Peter Ellis pro et noe vs Maggur Alfred Cassar Reynaud et** *tas-27 ta' Jannar, 2017, qalet illi: "huwa paċifiku li fejn tidħol il-materja ta' akkomodazzjoni soċjali l-istati membri għandhom mariġini wiesa' ta' apprezzament u, sakemm il-miżuri jkunu leġittimi, l-għan soċjali għandu jwassal għal kumpens li jista' jkun ferm anqas mill-valur tal-fond jew il-valur lokatizju ta' fond fis-suq ħieles";*

10. *Illi jekk ir-rikorrenti qiegħdin jilmentaw li qiegħdin jiġu ppreġudikati minħabba l-fatt li l-ammont tal-kera ma jirriflettix il-valur reali tal-fond de quo, dan ma jistax jiġi rrimedjat bit-tneħħija tal-Kap. 69 jew tal-Att X tal-2009 jew bl-iżgumbrament tal-okkupanta. Dan jingħad għaliex ma jkunx jagħmel sens li wieħed jagħraf l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimita` tal-miżuri msemmija biex imbgħad jinnewtralizzahom billi jagħmilhom inapplikabbli bl-iżgumbrament tal-okkupanta;*

11. *Illi l-artikolu 1531F tal-Kap. 16 jagħti tifsira ċara ta' min hu l-inkwilin ta' fond*
residenzjali u r-rikorrenti jridu jipprovaw li bin l-intimata jista jkollu jedd li jiret il-kirja;

12. *Illi rigward l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att X tal-2009, tajjeb li jingħad ukoll li l-emendi li jirrigwardaw il-kera daħlu fis-seħħ wara konsultazzjoni vasta fejn ġiet ukoll ippublikata l-White paper li ġġib l-isem: "Liġijiet tal-Kera: Il-ħtieġa ta' Riforma" f'Ġunju tal-2008. Illi din il-konsultazzjoni kienet proċess bi tlett saffi u li għaliha pparteċipaw il-partijiet interessati kollha. Dan kollu jingħad għaliex huwa ben evidenti li l-emendi dwar il-kera ma sarux b'mod superfluwu iżda saru wara konsultazzjoni serja u intensa mal-pubbliku ġeneral u mal-entitajiet kollha milquta minn dan l-istatut;*

13. *Illi xieraq ukoll li jiġi ssottolineat li dan il-fond ġie mikri bi qbil bejn l-antekawża tar-rikorrenti u l-inkwilini u ħadd ma mpona fuq ir-rikorrenti li dan il-fond irid jinkera ta' bilfors. Ma jirriżulta minn imkien li kien hemm xi theddida imminenti u attwali li sfurzathom li jagħtu dan il-fond b'kiri (vide* ***Frances Montanaro et vs Avukat Ġenerali et****, deċiż nhar it-13 ta' April, 2018 mill-Qorti Kostituzzjonali) u fil-fatt kien hemm diversi toroq li*

r-rikorrenti setgħu jagħżlu dak iż-żmien, bħal ibiegħu l-fond jew jikru l-fond bħala fond kummerċjali;

14. *Illi kif ġie deċiż f'kawżi oħra ta' din ix-xorta, ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dan għaliex ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Inoltre, fir-rigward ta' dan l-artikolu, ir-rikorrenti ma ssodisfawx element importanti sabiex tiskatta l-applikabbilità ta' tali provvediment. Dan l-artikolu jissottolinea li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet għandhom jiġu assigurati mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor. Fil-każ in diżamina ma ġiet allegata l-ebda diskriminazzjoni għal xi raġuni ta' status kif mitlub, sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu msemmi;*

15. *Illi sabiex ir-rikorrenti jistgħu jallegaw li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jridu jipprovaw ukoll li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;*

16. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġialadarba r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet preżentati.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku nkarigat minnha l-perit Marielouise Caruana Galea dwar il-valur lokatizju fis-suq tal-fond mertu tal-proċeduri odjerni[3].

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti jippremettu li huma sidien tal-fond bin-numru 22, Triq San Ġorġ, Luqa, liema fond huwa mikri lill-intimata Rosina Cassar ai terminu tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ilment tagħhom huwa marbut mal-protezzjoni mogħtija lill-inkwilina bit-tħaddim tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta) u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti stante li fil-fehma tagħhom dawn ma jilħqux bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini. Dan kollu skont ir-rikorrenti jwassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll kif ukoll bl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni"). Huma qed jitolbu rimedji effettivi għal tali leżjoni inkluż ir-ripresa tal-fond u l-ħlas ta' kumpens adegwat.

Minn naħa tagħhom, l-intimati, apparti eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, jirrespinġu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-mertu bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

A. PROVI

[3] Fol 68 et seq

Mill-atti jirriżulta li –

1. **Ir-rikorrenti Carmen Sammut** ippreżentat affidavit[4] fejn fost oħrajn tat dettalji dwar il-provenjenza tat-titolu fuq il-fond in kwistjoni u spjegat ukoll ir-raġunijiet li wasslu lir-rikorrenti kollha sabiex iressqu l-ilmenti ta' natura kostituzzjonali fil-kawża odjerna. Hija saħqet li għandhom jirċievu rimedju adegwat sabiex jagħmel tajjeb għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta'.

In kontro-eżami[5] hija xehdet li huma kienu talbu żieda fil-ħlas tal-kera u anke fetħu proċeduri għal dan il-għan quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Bħala sidien huma kienu anke bidlu saqaf fil-fond a spejjeż tagħhom għax waqa.

2. **Ir-rikorrent Angelo Caruana** xehed[6] li omm ir-rikorrenti kienet ħallset hi stess lill-aħwa Caruana tax-xogħol li għamlu fil-bdil ta' dan is-saqaf.

3. Ix-**xhud Charles Cassar, iben l-inkwilina ntimata**[7] minn naħa tiegħu rribatta li għalkemm l-aħwa Cassar kienu marru jgħinuhom biex għamlu s-saqaf, kienet ommu li ħallset għalih. Speċifika li ommu ħallset lill-kuntrattur li ġab il-konkos bir-ready-mix u mhux lir-rikorrenti. Xehed ukoll li kien hu li għadda d-dawl u l-ilma fil-fond mikri lill-ommu. Il-manutenzjoni tal-fond jieħdu ħsiebha l-inkwilini a spejjeż tagħhom u anke l-kamra ral-banju bidlu.

4. Fir-relazzjoni tagħha **l-espert tekniku nkarigata mill-Qorti l-perit Marielouise Caruana Galea** spjegat il-konstatazzjonijiet li għamlet fuq il-post

[4] Fol 113 et seq
[5] Seduta tad-19 t'Ottubru 2022
[6] Seduta tad-19 t'Ottubru 2022
[7] Seduta tad-19 t'Ottubru 2022

waqt l-aċċess li sar fl-20 ta' April 2021. Hija elenkat ukoll il-valur lokatizju annwali tal-proprjeta' in kwistjoni fis-suq ħieles kull ħames snin fil-perjodu mill-1956 sal-2020.

Saru xi domandi in eskussjoni lill-perit tekniku.

Issir referenza għall-**artikolu 681 tal-Kap 12** jipprovdi hekk –

"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[8] **-**

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u

[8] Rik 988/08

deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("***Grima vs Mamo et noe***" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. (ara - "***Cauchi vs Mercieca***" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "***Saliba vs Farrugia***" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et***` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "***Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et***" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et***" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Hija l-fehma tal-Qorti li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mill-perit inkarigat Marylouise Caruana Galea fir-relazzjoni peritali tagħha li mhumhiex korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet.

B. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

1. **Fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati** huma t-tnejn jeċċepixxu li r-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond in kwistjoni u jindikaw l-artikoli tal-Kap 69 li qegħdin jallegaw li nkisrulhom.

Il-Qorti tirrileva li, kif ġie ripetutament asserit mill-Qrati, f'kawżi ta' natura kostituzzjonali mhuwhiex imperattiv li r-rikorrenti jressaq prova tat-titolu assolut fuq il-proprjeta' mertu tal-kawża.

Fis-sentenza li tat fis-7 ta` Frar 2017 fil-kawża **Robert Galea vs Avukat Ġenerali et** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk :-

"Illi biex wieħed ikun f`qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m`għandux għalfejn jipprova titolu

assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta` jedd fundamentali kienet waħda ta` rivendika (Kost. 27.3.2015 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et****). Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta` dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista` jieqaf għall-pretensjonijiet ta` ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun."*

Fi kwalunkwe każ, fil-każ odjern jirriżulta li r-rikorrenti ġabu prova sodisfaċenti dwar il-provenjenza tat-titolu fuq il-fond in kwistjoni. Intwera mill-provi li oriġinarjament il-fond kien jifforma parti minn proprjeta' akbar li qarib tar-rikorrenti kien xtara fl-1926. Irriżulta wkoll li wara l-mewt ta' dan il-qarib, il-proprjeta' nqasmet permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-1952 u missier ir-rikorrenti aħwa Caruana messu l-fond numru 71. Huwa bena l-parti assenjata lilu u l-fond ingħata n-numru 22 ġewwa Triq San Ġorġ, Luqa. Wara l-mewt tal-missier il-fond għadda f'idejn ir-rikorrenti. L-atti notarili relattivi huma kollha esebiti in atti.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat jesprimi d-dubji tiegħu dwar il-provenjenza tat-titolu tar-rikorrenti minħabba xi diskrepanza fin-numri tal-proprjeta'. Il-Qorti tifhem iżda li minn dak li rriżulta mill-provi, n-numru 71 kien in-numru abbinat mal-fond qabel ma twaqqa u nbena l-fond eżistenti bin-numru 22. Għalkemm huwa minnu li f'uħud mill-irċevuti tal-kera esebiti jidher in-numru tal-fond '72' dan waħdu ma jagħtix lok għad-dubju sollevat mill-Avukat tal-Istat stante li mill-assjem tal-provi mressqa intwera li l-fond numru 22 huwa dak li għadda għand ir-rikorrenti mill-antekawża tagħhom.

Il-prova tat-titolu tar-rikorrenti fuq il-fond mertu tal-kawża hija meqjusa sodisfatta.

Dwar l-artikoli tal-liġi li allegatament huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-Qorti tirrileva li minkejja li dawn ma ġewx speċifikatament elenkati, jirriżulta mill-assjem tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti li l-lanjanza tagħhom hija marbuta mal-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap 69 flimkien mad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ntrodotti bl-Att X tal-2009, liema liġijiet jirregolaw il-kirjiet bħal dawk in kwistjoni partikolarment dawk li qegħdin jostakolaw ir-ripresa tal-fond u li jirregolaw il-*quantum* tal-kera.

Kwindi l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonital-Avukat tal-Istat u tal-intimata Rosina Cassar.

Ċ. MERTU

Fl-ewwel talba r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti ssib li b'riżultat tat-tħaddim tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti qed jinkisrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

a. Allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni

L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jgħid hekk -

"(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun

ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –

(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak ilkumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u lammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u

(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:

Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

(2) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà –

(a) bi ħlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet;

(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta`, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta` ħtija ta` reat kriminali;

(c) wara l-attentat ta` tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta` xi liġi;

(d) bħala teħid ta` kampjun għall-finijiet ta` xi liġi;

(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jiġi misjub f`art ħaddieħor jew mitluf;

(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor;

(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta` persuni dikjarati falluti b`sentenza jew xort`oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta` stralċ jew likwidazzjoni;

(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati;

(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta` ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;

(j) bħala konsegwenza ta` xi liġi dwar ilpreskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew iddrittijiet ta` suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta; jew

(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta` xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta` art, l-egħmil fuqha –

(i) ta` xogħol ta` konservazzjoni ta` ħamrija jew ilkonservazzjoni ta` risorsi naturali oħra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` ħsara tal-gwerra; jew

(ii) ta` żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.

(3) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta`xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta`xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taħt l-art.

(4) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta`xi liġi għat-teħid ta`pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta`xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq

proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f`Malta."

Fit-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-intimata Rosina Cassar jiġi argumentat li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli għall-każ odjern għax il-liġijiet impunjati fil-proċeduri odjerni daħlu fis-seħħ qabel l-1962 skont dak li jippovdi l-**Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**.

L-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk **-**

"Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta` din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-hdim ta` xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta` Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f`dan is-subartikolu) u li ma –

(a) iżżidx max-xorta ta` proprjetà li jista` jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;

(b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista` jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;

(c) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew

(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) tal-artikolu 37(1) ta` din il-Kostituzzjoni."

Fil-każ ta` ***Zammit and Attard Cassar v Malta*** *(op. cit.) l-ECtHR irrimarkat :-*

"While the applicants do not have an absolute right to obtain rent at market value, the Court observes that, despite the 2009 amendments, the amount of rent is significantly lower than the market value of the premises as submitted by the applicants, which was not effectively contested by the Government. …While the Court has accepted above that the overall measure was, in principle, in the general interest, the fact that there also exists an underlying private interest of a commercial nature cannot be disregarded."

Fil-każ ta` ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et****, (op cit) il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet illi :-*

"Lanqas l-emendi għall-Kodiċi Ċivili li seħħew bl-Att tas-sena 2009 ma jistgħu jitqiesu bħala li jagħtu rimedju effettiv għall-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm għax teżisti diskrepanza enormi bejn l-awment fil-kera kontemplat fl-artikolu 1531Ċ u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq ħieles, kif ukoll għax id-disposizzjonijiet tal-

artikolu 1531F, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jagħmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond tagħhom."

B` referenza għall-każ tal-lum, jirriżulta ppruvat illi l-kera perċepita mir-rikorrenti, abbażi tad-disposizzjonijiet tal-Kap 69, hija bil-wisq inferjuri għall-kera fis-suq. Il-figuri li saret referenza għalihom aktar kmieni jitkellmu waħedhom. Għalhekk huwa ppruvat l-isproporzjon li ma jridx l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni u li qed jinġarr mis-sid.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi meqjusa l-fatti u ċirkostanzi tal-każ tal-lum kif evolvew mal-medda tas-snin sal-lum il-piż li kellu jġorr is-sid kien sproporzjonat u eċċessiv."

Jiġi sottolineat ukoll li anke jekk il-valur tal-kera stabbilit mill-liġi mhux bilfors ikun daqs kemm irendi s-suq ħieles xorta jirriżulta li hemm qabża kbira meta mqabbel mal-valur lokatizju massimu li r-rikorrenti jistgħu jirċievu mingħand l-inkwilina ntimata. Kif diġa' ngħad ripetutament fil-varji sentenzi in materja, r-rata ta' ħlas tal-kera stabbilita mill-liġi la tista' titqies li hija kompatibbli mar-realta' soċjali f'Malta fiż-żminijiet tal-lum u lanqas mar-rati lokatizji applikabbli fis-suq ħieles tal-proprjeta'.

Fil-każ fl-ismijiet **Louis Apap Bologna vs Avukat Ġenerali et deċiż fl-4 ta' Ġunju 2018** il-Qorti qalet hekk -

"Għalkemm ir-ratio legis wara d-disposizzjonijiet tal-Kap 69 kien illi tkun ippreservata b`intervent legislattiv mirat il-vijabbilita` ekonomika ta` l-azjendi kummerċjali, ma hemmx l-iċken dubju li l-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż illum toffri xejriet lejn il-posittiv u mhijiex dik li kienet fiż-żmien meta sar il-Kap 69."

Dan kollu jfisser li bil-liġijiet imsemmija l-Istat naqas li jikkontrobilanċja l-miżuri li ħa - fejn ġab taħt il-kontroll tiegħu l-użu tal-proprjeta' tas-sidien involuti - b'salvagwardji adegwati li jipproteġu d-drittijiet ta' dawn l-istess sidien tal-fondi milquta b'tali liġijiet. Għaldaqstant ir-rikorrenti odjerni, l-istess bħal sidien oħra fl-istess pożizzjoni tagħhom, spiċċaw iġorru piż sproporzjonat u nġust fuqhom peress li nħoloq żbilanċ bejn il-jeddijiet tiegħu min-naħa waħda u l-interess ġenerali min-naħa l-oħra.

F'dan l-istadju pero' l-Qorti tirreferi għall-Att Numru XXIV tal-2021 (artiklu 4A tal-Kap 69) permezz ta' liema saru xi emendi oħra fosthom emenda marbuta maż-żieda fil-kera permezz ta' liema s-sidien għandhom il-possibilita' li jitolbu lill-Qorti tawtorizza ż-żieda fil-kera sa 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ.

Il-Qorti tqis li mill-mument li ġie ntrodott l-artikolu 4A tal-Kap 69 ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw aktar dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tagħhom peress li dawn l-emendi huma meqjusa li jindirizzaw b'mod adegwat l-ilmenti tagħhom.

Madankollu jiġi sottolineat li tali emendi tal-2021 ma jinnewtralizzawx il-leżjoni li kien ilu jsofri r-rikorrent fit-tgawdija tal-proprjeta' mertu tal-kawża għas-snin ta' qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ssib li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni.

Jifdal li jiġi stabbilit iż-żmien minn meta dan il-ksur għandu jitqies li seħħ.

Ir-rikorrenti jippretendu li l-ksur beda jseħħ mill-mument li bdiet il-kirja in kwistjoni u ċioe' mill-1956. Madankollu l-Qorti tirreferi għall-artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk -

"Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba'Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5(inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."

<u>Il-leżjoni għalhekk ser titqies li seħħet b'effett mit-30 t'April 1987.</u>

Jirriżulta għal kull buon fini li missier ir-rikorrenti aħwa Caruana miet ftit xhur wara u ċioe' fit-18 ta' Settembru 1987. Għalkemm fil-perjodu bejn it-30 t'April u t-18 ta' Settembru r-rikorrenti kienu għadhom ma sarux sidien tal-fond mertu tal-kawża, il-Qorti tqis li dan il-perjodu jgħodd xorta waħda għall-fini tal-ksur ta drittijiet fundamentali peress li l-werrieta jidħlu fiż-żarbun tal-antekawża tagħhom.
Dwar dan il-punt huwa minnu li hemm xi każijiet li fihom il-Qorti qieset li l-leżjoni sseħħ u r-risarċiment huwa dovut biss mid-data li fiha r-rikorrenti jkunu wirtu l-proprjeta'[9]. Iżda hemm każijiet oħrajn fejn il-Qrati qiesu li r-rikorrenti jidħlu fiż-żarbun tal-predeċessuri tagħhom u kwalunkwe leżjoni ta' drittijiet fundamentali u riżarċiment għandhom ikopru l-perjodu anteċedenti u ċioe' minn żmien l-antekawża tar-rikorrenti[10].

---

[9] **Camenzuli George et v Avukat tal-Istat et** – 15.07.2021RM, **Farrugia Paul v Avukat tal-Istat et** - 30.06.2021RM, **Dottor Mifsud Mario v Avukat tal-Istat et** – 22.09.2021LM, **Pintley Maria v Avukat tal-Istat et** – 16.06.2021LM

[10] **Laspina Joseph et v Avukat tal-Istat et** – 16.09.2020TA, **Dr Debono Edward noe v Avukat Ġenerali et** – 30.01.2020JRM, **Attard George Olaf v Avukat Ġenerali et** – 21.11.2019FD

Din il-Qorti hija tal-fehma li għandha ssegwi l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet **Carmel sive Charles Sammut et vs Maria Stella Dimech et deċiż fis-26 ta' Mejju 2021** fejn ingħad hekk -

"Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid."

Dan ir-raġunament reġa' ġie konfermat riċentament fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Av. Dr Mallia et vs Avukat tal-Istat et deċiż fl-4 ta' Mejju 2022** fejn ingħad hekk –

"Jirriżulta li l-atturi akkwistaw il-proprjeta` in kwistjoni bħala eredi universali ta' missierhom u għaldaqstant huma daħlu fiż-żarbun legali ta' missierhom u komplew il-personalita` ġuridika tiegħu kemm f'dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet tiegħu u kif ukoll id-drittijiet tiegħu. Huwa minnu li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, leżjonijiet ta' drittijiet fondamentali li huma ta' natura intrinsikament personali għall-mejjet ma jistgħux jifformaw il-bażi ta' lment ta' ksur mill-eredi tiegħu, sakemm l-allegazzjoni ma tkunx titratta l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, jew sakemm ma jkunx jirriżulta illi l-istess persuni huma vittmi indiretti tal-leżjoni allegata. Pero`, kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea stess, il-kunċett ta' "vittma" fil-ġurisprudenza ta' dik il-Qorti huwa wieħed awtonomu u indipendenti mill-kunċetti domestiċi li jirrigwardaw l-interess ġuridiku quddiem il-qrati domestiċi. Inoltre, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-Qorti tirrikonoxxi lill-eredi bħala vittmi meta jkollhom interess leġittimu li jressqu l-azzjoni a bażi tal-fatt li l-leżjoni allegata jkollha effett fuq id-drittijiet patrimonjali ta' dawk l-eredi. Il-Qorti tosserva illi l-leżjoni konstatata mill-Ewwel Qorti naqqset il-patrimonju ta' missier l-atturi, patrimonju li huwa

issa proprjeta` tal-atturi u li huwa anqas milli seta' jkun b'effett dirett tal-leżjoni in kwistjoni. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huwa legalment possibbli għall-atturi, qua eredi universali ta' missierhom, illi jressqu lment ibbażat fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jinkludi wkoll dak il-perjodu ta' żmien fejn is-sid tal-proprjeta` kien missierhom."

In vista tas-suespost **ser jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet numru sitta sa għaxra, tnax sa erbatax tal-Avukat tal-Istat. Ser tiġi miċħuda wkoll l-eċċezzjoni tal-intimata Rosina Cassar numru ħamsa (safejn jolqot l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni).**

ċ. <u>Allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni</u>

L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk -

"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali,assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."

Dwar dan l-artikolu, fil-każ **Michael Anthony Henley vs Il-Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Frar 2002** ingħad hekk –

"[f]ilwaqt illi l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-liġijiet in ġenerali,

fl-effetti tagħhom u fl-applikazzjoni tagħhom (eż. minn uffiċjali pubbliċi), l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax raġjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wieħed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-Konvenzjoni ma jistax ikun is-suġġett ta' tutela taħt l-Artikolu 14."

Mis-suespost jirriżulta li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza u applikazzjoni awtonoma iżda jeħtieġ li jkun marbut ma' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni. Fil-każ odjern ir-rikorrenti qed jallaċjaw dan l-artikolu mal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

Imbagħad fil-każ **Joseph Micallef et vs Avukat Ġenerali et deċiż fl-1 ta' Lulju 2020** il-Qorti qalet hekk –

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li turi li xi individwu jew individwi f'posizzjoni simili għal tagħhom ġew trattati b'mod differenti u lanqas indikaw xi motiv formanti l-bażi tal-allegata diskriminazzjoni. Għall-kuntrarju, il-proprjetarji kollha li għandhom proprjetà soġġetta għall-kirja li saret qabel l-1995, ilkoll jinsabu fl-istess qagħda legali li qiegħed fiha r-rikorrenti, u dawn ilkoll ġew trattati u milquta bl-istess mod. Fil-każ ċitat ta' Amato Gauci vs. Malta, il-Qorti ddeskriviet is-sitwazzjoni b'dan il-mod:

"The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –

there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (Petrovic vs Austria, 27 March 1988).

The Court reiterates that discrimination means treating differently without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations ... However not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory.

The Court reiterates that no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime, and that differential treatment arising out of a legislative change is not discriminatory where it has a reasonable and objective justification in the interests of the good administration of justice. ***The use of a cut-off date creating difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its policies***[11]*.*

The Court observes that the 1995 amendments sought to abolish a law which, in fact, was challenged by the applicant and in respect of which the Court has found a violation of the applicant's property rights. The introduction of the amendment does not appear arbitrary or unreasonable in any way. On the contrary, in the instant case, the fact that the effects of the impugned law were abolished in respect of contracts concluded after 1995, a decision which fell within the State's margin of appreciation, can be deemed reasonably and objectively justified to protect owners from restrictions impinging on their rights."

F'dan il-każ il-Qorti tqis li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li tiġi stabbilita cut-off date minn meta ġie deċiż li ma kellhiex tibqa' tingħata l-istess protezzjoni fil-

[11] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

kirja u mhux li tinħoloq diskriminazzjoni kontra persuni. L-imsemmija data ġiet stabbilita mil-leġislatur bħala d-data minn meta kellhom jidħlu fis-seħħ uħud mill-emendi proposti għal-liġijiet tal-kera, u għalhekk ma jirriżultax li kien hemm xi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni."

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji meħuda mill-ġurisprudenza, fil-fehma tal-Qorti d-dispożizzjonijiet tal-Kap 69 u tal-Kap 16 ma jiddiskriminawx kontra r-rikorrenti a tenur ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni peress li ma rriżultax li huma qed jirċievu ttrattament divers u/jew diskriminatorju meta mqabbel ma' dak ta' sidien oħra ta' proprjetajiet li huma wkoll milquta bl-applikazzjoni tal-istess dispożizzjonijiet tal-Kap 69 u tal-Kap 16. Anzi dawn jinsabu kollha fl-istess ilma bħar-rikorrenti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti ma sofrew ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Għall-istess raġunijiet sejrin jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet numru ħmistax u sittax tal-Avukat tal-Istat.

Konsegwentement l-ewwel talba tar-rikorrenti sejra tintlaqa' limitatament safejn jirrigwarda l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni u tiċħadha fil-bqija.

Permezz tat-**tieni talba**, r-rikorrenti qed jitolbu rimedji effettivi sabiex jagħmlu tajjeb għal vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali. Bħala rimedji huma qed jitolbu r-ripresa tal-fond u kwindi l-iżgumbrament tal-inkwilina, kif ukoll il-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq.

Il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti għar-ripresa tal-fond u l-konsegwenti żgumbrament tal-intimata Cassar mhijiex ġustifikata. Kif diġa' ngħad diversi drabi fil-ġurisprudenza, l-proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum fejn talba għall-iżgumbrament għandha tiġi ventilata. Din il-materja għandha *se mai* titressaq quddiem il-forum kompetenti ordinarju.

Fil-każ **Josephine Azzopardi pro et noe vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fis-27 ta' Ġunju 2017** (Rik 96/2014) il-Qorti qalet hekk -

Illi ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jiġi deċiż jekk inkwilin għandux jiġi żgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarji jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-każ. Dak li huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-każ li jinstab li liġi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik il-liġi ma tistax tibqa' tingħata effett bejn il-partijiet kemm il darba u sakemm l-applikazzjoni tagħha tkun leżiva għad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti (ara sentenza ***Curmi vs Avukat Ġenerali****, Kost 24/06/2016).*

Fl-istess sens is-sentenza ***Portelli vs Avukat Ġenerali****, 45/2014 – deċiża fil-25 ta' Novembru 2016 fejn il-Qorti qalet hekk:*

"Dan ma jfissirx illi din il-qorti sejra tordna l-iżgumbrament tal-konvenut; dan ma huwiex kompitu ta' din il-qorti u lanqas ma huwa meritu ta' kawża kostituzzjonali illi l-qorti tara jekk il-konvenut għandux xi titolu ieħor li jagħtih jedd ikompli jżomm il-fond: dak ikun il-meritu ta' kawża ad hoc quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti. Li qiegħdha tgħid din il-qorti huwa biss illi f'kawża li jistgħu jiftħu l-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenut quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, il-konvenut ma jkunx jista' jinqeda bl-art. 12(2) tal-Kap. 158 għad-difiża tieghu billi dak l-artikolu huwa, fir-relazzjoni bejn l-atturi u l-

konvenut, bla effett". [Ara s-sentenza mogħtija fid-29 ta' April 2016 fl-ismijiet ***Victor Portanier et v. Avukat Ġenerali et****]."*

Il-Qorti tikkondividi ma' dawn il-konklużjonijiet appena ċitati u sejra tagħmilhom tagħha.

Inoltre jiġi sottolineat ukoll li bis-saħħa tal-introduzzjoni tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 ir-rikorrenti issa għandhom rimedju ordinarju adegwat li permezz tiegħu jistgħu jadixxu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex anke jitolbu awment fil-*quantum* tal-kera ukoll, jekk il-kerrej ma jissodifax it-test tal-mezzi, il-possibilta' lid-dar mikrija tiġi vakata . Kwindi mhuwhiex il-każ li l-Qorti tagħti r-rimedju estrem tal-iżgumbrament tal-inkwilina Cassar.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ser tiċħad dik il-parti tat-tieni talba fejn qed issir talba għal żgumbrament.

Għall-istess raġunijiet sejra tilqa' l-eċċezzjoni numru ħdax tal-Avukat tal-Istat u l-eċċezzjoni numru sebgħa tal-intimata Rosina Cassar safejn kompatibbli ma' dak deċiż.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li r-rimedju adegwat li ser jingħata huwa kumpens kif ser jingħad.

Il-Qorti tibda billi tirreferi għall-prinċipji ġurisprudenzjali in materja kif elenkati fil-każ suċċitat **Simone Galea et vs Avukat Ġenerali et** li uħud minnhom jgħidu hekk-

"Huwa prinċipju ben assodat illi l-kumpens li jista` jingħata fi proċediment ta` natura kostituzzjonali mhuwiex ekwivalenti għad-danni ċivili li jiġu likwidati mill-qrati ordinarji (ara : QK : ***Philip Grechpro et noe v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et*** *deċiża fis-17 ta` Diċembru 2010 ;* ***Victor Gatt et v.***

Avukat Ġenerali et *deċiża fil- 5 ta` Lulju 2011 ; u* ***Ian Peter Ellis et v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża fl-24 ta` Ġunju 2016).*

Fid-deċiżjoni ta`* ***Maria Stella sive Estelle Azzopardi et vs Avukat Ġenerali et*** *deċiża fit-30 ta` Settembru 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tippreċiża illi r-"rimedju li tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fondamentali u mhux danni ċivili għal opportunita` mitlufa."

Dan premess, huma diversi l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tqis sabiex tistabilixxi l-quantum tal-kumpens.

Deċiżjoni li kkunsidrat fid-dettall din il-kwistjoni hija s-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Raymond Cassar Torregiani et vs Avukat Ġenerali et*** *(op. cit.)*

Il-Qorti qalet hekk : -

"Dwar il-quantum tal-kumpens dovut issir referenza għas-sentenza ta` din il-Qorti* ***Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et v Kummissarju tal-Artijiet et*** *deċiża fil-31 ta` Ottubru 2014, fejn f`materja ta` komputazzjoni ta` kumpens għal lezjoni ta` dritt fondamentali sanċit fl-artikolu konvenzjonali fuq ċitat ġie osservat:

"Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull każ ghandu jigi trattat u deċiż fuq il-fattispecie tiegħu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja ħasset li f`ċerti każijiet kellha tagħti kumpens f`ammont inferjuri għal dak li ngħata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-Qrati Maltin tilfu l-awtonomija tagħhom b` mod li bilfors kumpens li jingħata ikun f`ammont viċin dak li tagħti l-Qorti Ewropeja. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jimmilitaw kemm favur kif ukoll kontra r-rikorrenti u deherilha li l-kumpens xieraq li għandha tagħti f`dan il-każ ikun fl-ammont ta` ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR 25,000).

Hija kkonsidrat id-dewmien da parti tar-rikorrenti li jieħdu l-proċeduri opportuni, il-valur tal-immobbli, iż-żmien tant twil li r-rikorrenti ilhom privati mill-godiment tal-proprjeta` tagħhom mingħand ma ngħata ebda kumpens, l-istat tal-fond u l-eżistenza tal-fattur tal-interess pubbliku. Ma` dawn għandu jiġi senjalat il-fatt li qabel l-ispossessament tal-proprjeta` tagħhom ir-rikorrenti kellhom permess mill-Bord kompetenti sabiex jiżviluppaw il-fond."

Issa għalkemm, huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta` leżjoni tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax neċessarjament ma` likwidazzjoni ta` danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu njorati għall-finijiet tal-eżercizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma (1) it-tul ta` żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul taż-żmien li r-rikorrenti damu sabiex resqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom ; (2) il-grad ta` sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma` dak li jista` jiġi perċepit fis-suq ħieles, konsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (3) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti konsidrat ukoll l-ispejjeż sostanzjali li għamlu l-intimati Tabone ssabiex jirrendu l-fond abitabbli u (4) l-ordni li ser tagħti din il-Qorti dwar l-eżenzjoni f`dan il-każ mill-effetti legali tal-Artikolu 5 tal-Kap 158."

Meta jingħata kumpens fi proċediment ta` din ix-xorta, għandu jingħata konsiderazzjoni l-għan li jkun immotiva l-miżura u ċioe` l-interess pubbliku. Għall-fini ta` quantum ta` kumpens u relattiva motivazzjoni, ara dawn id-deċiżjonijiet li jirreferu wkoll għall-pronunzjamenti tal-ECtHR :- QK : ***Angela sive Gina Balzan v. LOnorevoli Prim Ministru*** *: op. cit. ;* ***Dr. Cedric Mifsud et vs l-Avukat Ġenerali et*** *: op. cit. ;* ***Concetta sive Connie Cini vs Eleonora Galea et*** *: op. cit. ;* ***Robert Galea vs Avukat Ġenerali et*** *: PA/GK : op cit ;* ***Sergio Falzon et vs Alfred Farrugia et*** *: PA/GK : op. cit. ; PA/GK : 15 ta` Frar 2018 :* ***Alessandra Radmilli vs Joseph Ellul et*** *; PA/GK : 2 ta` Marzu 2018 :* ***Thomas***

Cauchi et vs Avukat Ġenerali et*) [ara wkoll għall-istess skop : ECtHR: 30 ta` Jannar 2018 :* ***Cassar vs Malta*** *: Application 50570/13]*

Il-proċeduri odjerni min-natura tagħhom huma diretti sabiex jindirizzaw leżjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali.

Il-Qorti sabet vjolazzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Għalkemm id-diskrepanza bejn il-kera attwalment perċepita u l-valur lokatizju li l-fond de quo jġib fis-suq ħieles hija fattur determinanti sabiex ikun stabbilit jekk kienx vjolat il-prinċipju tal-proporzjonalita`, fl-istess waqt hemm fatturi oħra li wkoll għandhom rilevanza, u li flimkien għandhom iwasslu għall-għoti ta` kumpens ġust għall-leżjoni subita.

Fis-sentenza li tat fil-31 ta` Jannar 2014 fil-kawża fl-ismijiet ***Concetta sive Connie Cini vs Eleonora Galea et*** *il-Qorti Kostituzzjoni rrilevat:*

"25. F`materja ta` kumpens il-ġurisprudenza patria kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja identifikat is-segwenti prinċipji:

"The Court would reiterate that compensation terms under the relevant legislation may be material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate balance on applicants. The taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference." [ECHR 31443/96 para.176 Bronoiswki v. Poland, decided 22 June 2004]."

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk fil-każ **Av. Dr Anna Mallia et vs Avukat tal-Istat et deċiż fl-4 ta' Mejju 2022** dwar il-komputazzjoni tal-kumpens –

"Illum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet issegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet ***Cauchi v. Malta*** *(QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in*

suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-atturi fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kien jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-atturi, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

Madankollu f'sentenzi aktar riċenti qed isir tnaqqis ta' 35% flok 30% b'rabta mal-għan leġittimu tal-liġi, kif ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Carmel Mangion et vs Avukat tal-Istat et deċiż fil-15 ta' Lulju 2022 -**

*"Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[12] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil; semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju.*

(Fost sentenzi oħra li segwew l-istess linja – **Josephine Portelli et vs Avukat tal-Istat et deċiża fl-24 ta' Jannar 2023**; **Rita Falzon vs Joseph Spiteri et deċiża fl-14 ta' Lulju 2022** u **Joseph Grech et vs Avukat tal-Istat et deċiża fl-14 ta' Lulju 2022**)

Kif deċiż fis-suespost, il-kumpens lir-rikorrenti ser jiġi akkordat mis-sena 1987 sas-sena 2021.

[12] **Carmel sive Charles Sammut et vs Maria Stella Dimech et** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021

Skont ir-rapport tal-Perit tekniku tal-Qorti Marielouise Caruana Galea, t-total tal-kera li r-rikorrenti setgħu jirċievu skont is-suq ħieles mill-1987 'il quddiem b'intervalli ta' 3 snin huwa dan –

Mill-1987 sal-1988 – €910 x 2 = €1,820

Mill-1989 sal-1991 – €1,120 x 3 = €3,360

Mill-1992 sal-1994 – €1,400 x 3 = €4,200

Mill-1995 sal-1997 – €1,575 x 3 = €4,725

Mill-1998 sal-2000 – €1,855 x 3 = €5,565

Mill-2001 sal-2003 – €1,980 x 3 = €5,940

Mill-2004 sal-2006 – €2,904 x 3 = €8,712

Mill-2007 sal-2009 – €3,036 x 3 = €9,108

Mill-2010 sal-2012 – €3,168 x 3 = €9,504

Mill-2013 sal-2015 – €3,432 x 3 = €10,296

Mill-2016 sal-2018 – €4,092 x 3 = €12,276

Sena 2019 - €6,547

Sena 2020 - €6,600

(Għalkemm il-valur tal-kera tal-fond fis-suq ħieles fir-rapport tal-perit Caruana Galea ma jkoprix is-sena 2021 il-Qorti sejra tikkalkulah billi żżid id-differenza li kien hemm fil-valur tal-kirja annwali mis-sena 2019 għas-sena 2020 u ċioe' żieda ta' €53)

Sena 2021 - €6,653

Total: €95,306

Issa skont l-insenjament tal-ġurisprudenza suespost, minn din is-somma ser isir tnaqqis ta' 35% li tagħmel tajjeb għall-għan leġittimu tal-liġi mpunjata u ċioe tnaqqis ta' €33,357.10. Mela s-somma issa hija ta' €61,948.90. Minn din is-somma ser jerġa jitnaqqas 20% sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi r-rikorrenti kien jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. 20% ta' €61,948.90 hija €12,389.78. Għalhekk iċ-ċifra tiġi €49,559.12.

Din il-Qorti tqis ukoll li għandu jitnaqqas persentaġġ ulterjuri ta' 10% (€4,955.91) li jkopri l-maintenance/tiswijiet li inevitabilment huwa meqjus li saru fil-fond mill-inkwilina matul is-snin bejn l-1987 u l-2021. Dan indipendentement mill-kwistjoni tal-ispiża tal-bdil tas-saqaf li l-partijiet baqgħu imieru lil xulxin dwar min ħallashom. Għalhekk is-somma issa hija ta' €44,603.21. A skans ta' kull ekwivoku, l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-kawża odjerna hija waħda li qed tfittex rimedji għal ksur ta' drittijiet fundamentali u mhux kawża ordinarja għal danni ċivili. Inoltre, huwa fatt ukoll li, fi tmiem il-kirja, l-inkwilin għandu d-dritt li, fil-parametri li tikkonċedi l-liġi ordinarja, jitlob mingħand is-sid ħlas għall-benefikati li jkun għamel fil-fond mikri. Madankollu, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f'każijiet bħal dawk odjerni, il-komputazzjoni tal-kumpens pekunarju tieħu bħala bażi t-total tal-valur tal-kera annwali tal-fond in kwistjoni fis-suq miftuħ. Dan il-valur inevitabilment ikun ġie kalkulat fuq il-potenzjal ħolistiku tal-fond fis-suq ħieles, inklużi għalhekk il-benefikati li jkunu saru fil-fond mill-inkwilin matul is-snin. Hija għaldaqstant il-fehma ta' din il-Qorti li, ghal fini ta' kumpens pekunarju f'kawża kostituzzjonali, s-sid m'għandux jinghata vantaġġ marbut mal-valur aġġunt fuq il-proprjeta' li jkun ġie gwadanjat a skapitu ta' terzi li jkunu ħallsu għall-ispejjeż tal-manutenzjoni msemmija. Huwa għalhekk li l-Qorti waslet għall-konkluzjoni li jitnaqqas 10% mill-ammont ta' danni pekunarji pagabbli lir-rikorrent.

Safejn kompatibbli ma' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, l-eċċezzjoni numru tmienja tal-intimata Cassar ser tintlaqa'.

Minn din is-somma ta' €44,603.21 għandha titnaqqas dik li r-rikorrenti u l-antekawża tagħhom irċevew bħala ħlas ta' kera matul is-snin imsemmija. Mill-kotba tal-kera li kopja tagħhom ġiet preżentata fl-atti tal-kawża jirriżulta li t-total ta' kera mħallsa kienet

Mill-1987 sal-2007 - €2,559.89

Mill-2008 sal-2021[13] - €2,707.69

Total: €5,267.58

Meta jsir it-tnaqqis tal-ammont ta' kera meqjusa mħallsa mill-inkwilina Cassar għall-perjodu mis-sena 1987 sas-sena 2021, jirriżulta li s-somma li għandhom jitħallsu r-rikorrenti bħala danni pekunarji hija ta' €39,335.63.

Il-Qorti tqis ukoll li għandha tillikwida wkoll is-somma ta' €3,000 bħala kumpens non-pekunarju.

Il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati sejrin jiġu respinti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –

[13] Għas-sena 2021 il-kera mħallsa ġiet kalkulata fis-somma ta' €206.50

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, tilqa' l-eċċezzjonijiet numru ħdax, ħmistax u sittax, u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjoni safejn jolqot dan l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tal-intimata Rosina Cassar, tilqa' t-tielet, ir-raba', s-seba', t-tmien eċċezzjoni, u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha;

3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti safejn jirrigwarda l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni għas-snin mill-1987 (meta l-Konvenzjoni saret parti ntegrali fil-liġi Maltija permezz tal-Kap 319) sal-2021 (meta daħal fis-seħħ l-artikolu 4A tal-Att XXIV tal-2021) u tiċħadha fil-bqija;

4. Tilqa' limitatament it-tieni talba billi tillikwida l-kumpens globali ta' tnejn u erbgħin elf tlett mija u ħamsa u tletin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€42,335.63) in kwantu għal disgħa u tletin elf tlett mija u ħamsa u tletin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€39,335.63) bħala danni pekunarji u in kwantu għal tlett elef Ewro (€3,000) bħala danni non-pekunarji u tordna lill-istess Avukat tal-Istat iħallas tali kumpens lir-rikorrenti;

5. Bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-Avukat tal-Istat.

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imħallef

Victor Deguara
Dep. Reġ.